



Brussell, 29 ta' Novembru 2019
(OR. en)

14617/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0142(NLE)**

**WTO 324
AGRI 579
VETER 101
SAN 494
COTRA 26**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	10658/19 WTO 180 AGRI 355 VETER 42 SAN 324 COTRA 10 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea dwar l-Allokazzjoni lill-Istati Uniti ta' Sehem fil-Kwota Tariffarja għal-Laħam taċ-Ċanga ta' Kwalità Għolja msemija fil-Memorandum ta' Qbil Rivedut Rigward l-Importazzjoni tal-Laħam taċ-Ċanga minn Annimali li Ma Jkunux Ġew Ittrattati b'Ċerti Ormoni tat-Tkabbir u Rigward id-Dazji Ogħla Applikati mill-Istati Uniti għal Ċerti Prodotti tal-Unjoni Ewropea (2014) - Adozzjoni

1. Fl-24 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar¹, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea dwar l-Allokazzjoni lill-Istati Uniti ta' Sehem fil-Kwota Tariffarja għal-Laħam taċ-Ċanga ta' Kwalità Għolja msemija fil-Memorandum ta' Qbil Rivedut Rigward l-Importazzjoni tal-Laħam taċ-Ċanga minn Annimali li Ma Jkunux Ġew Ittrattati b'Ċerti Ormoni tat-Tkabbir u Rigward id-Dazji Ogħla Applikati mill-Istati Uniti għal Ċerti Prodotti tal-Unjoni Ewropea (2014), kif ukoll proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni² ta' dak il-Ftehim.

¹ dok. 10656/19 WTO 179 AGRI 354 VETER 41 SAN 323 COTRA 9 + REV 1 + ADD 1 + ADD 1 REV 1.

² dok. 10658/19 WTO 180 AGRI 355 VETER 42 SAN 324 COTRA 10 + REV 1 + ADD 1 + ADD 1 REV 1.

2. Fil-15 ta' Lulju 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar³ tal-Ftehim. Fl-istess ħin u f'konformità mal-Artikolu 218(6)(a)(v) TFUE, il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 10681/19 WTO 185 AGRI 364 VETER 47 SAN 331 COTRA 15 + COR 2, flimkien mal-Ftehim innifsu⁴, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu, bil-ħsieb tat-tħejjija għall-konklużjoni futura tal-Ftehim.
3. Il-Ftehim mal-Istati Uniti ġie ffirmat fit-2 ta' Awwissu 2019 f'Washington.
4. Fit-28 ta' Novembru 2019, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim.
5. Fid-29 ta' Novembru 2019, il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) approva sussegwentement l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim.
6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:
 - jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 10681/19 WTO 185 AGRI 364 VETER 47 SAN 331 COTRA 15 + COR 2;
 - jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi informat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew.

³ dok. 10677/19 WTO 182 AGRI 361 VETER 44 SAN 328 COTRA 12 (ippubblikat f'ĠU L 205, 5.8.2019, p. 10).

⁴ dok. 10678/19 WTO 183 AGRI 362 VETER 45 SAN 329 COTRA 13 + COR 1 + COR 2.